TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 523/10

**Patricia Grima**
**vs**
**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u tmintax-il ewro, u disgħa u tmenin ċenteżmi (€118.89), rappreżentanti prezz ta' *food processor* li kellha diversi difetti mill-fabbrika.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *food processor* u wara l-ewwel darba li ntużat, deher illi kien hemm xi difetti u s-soċjeta' intimata aċċettat illi tbiddel din il-*food processor*. It-tieni darba, wara li użatha għal diversi drabi reġa' nqala' l-ħsara.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi sabiex tagħti l-benefiċċju tad-dubju lir-rikorrenti, aċċettat li l-ewwel *food processor* tiġi mibdula b'xejn, waqt li rigward it-tieni waħda kif kien ġja spjegat wara l-konsegwenza tal-ewwel *food processor*, din kienet intużat ħażin u kienet intużat għal ħafna tul ta' ħin, tant li kien hemm il-plastik illi ddewweb.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi kien hemm rieda tajba da parte tas-soċjeta' intimata, fejn l-ewwel darba mingħajr ma daħlet fil-mertu bidlet il-*food processor*, pero` jidher illi r-rikorrenti ma tgħallmitx mill-iżbalji tagħha u baqgħet tuża l-*food processor* għal ħin twil, illi jidher li dan il-*food processor* ma jistax jintuża għal ħin twil.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, , bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX (+356) 21239888